# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/15, it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 15 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2020 fil-5 u nofs ta' filgħaxija. Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming', kif wkoll kienet miżmuma bis-sistema tal-'Video On Demand'.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Clayton Gauci | Kunsillier |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

Ħadd

**ASSENTI**

Wistin Vella – Viċi Sindku

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU PREŻENTI**

Ħadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:59pm.
ii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*15.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*15.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*15.4 Korrispondenza;*

*15.5 Temi oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*15.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*15.7 Proposti tal-użu ta' spazju pubbliku mill-istabbilimenti tal-ikel u xorb;*

*15.8 Preparamenti għall-festa ta' Santa Marija 2020;*

*15.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

## 15.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

15.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx irċieva l-ebda notifika għall-din il-laqgħa.

## 15.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

15.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

15.2.2 Kien hemm xi punti li Tiziana Borg Busuttil xtaqet li jiġu ċċarata dwar il-minuti. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni, u wara li ġew diskussi, il-minuti ġew approvati.

15.2.3 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.3.1 Is-Sindku informa li s-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mas-Sa. Daniel Cini u s-Sur David Azzopardi li pproponew inizzjattivi volontarji ta' tneħħija ta' skart u ħmieġ kif ukoll ta' tħawwil ta' siġar ġodda fl-Imġarr. Il-proposta hi li ssir clean-up għall-ħabta ta' Settembru, x' aktarx lejn l-akwati ta' Triq il-Palma. Ser isir ukoll sforż biex jitwaqqaf grupp ta' nies mil-lokal li jkunu jixtiequ jagħtu sehemhom f' dawn il-clean-ups.

15.3.2 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien talab li ssir Blue-Badge Parking ħdejn il-knisja ta' Sant' Anna fiż-Żebbiegħ. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan, speċjalment fid-dawl li kienet għada kif tneħħiet parking simili f' Misraħ is-Sebbieħ.

15.3.3 Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Lulju kienet ser issir il-premjazzjoni għall-kompetizzjonijiet ta' Poezija u proża relatati ma' Festa Frawli. Ser isir ktejjeb bil-kitbiet ta' dawk li ħadu sehem f' dawn il-kompetizzjonijiet.

15.3.4 Is-Sindku informa li kienet ġiet rijattivata l-applikazzjoni għall-proġett ta' Ta' Darrenzi. Dan jinkludi iż-żiedja tal-ġiebja għall-ilma. Is-Sindku informa wkoll li kien hemm bżonn li jsir ftehim mal-kaċċatturi li jużaw ix-xagħri.

15.3.5 Is-Sindku ta' informazzjoni dwar l-aħħar żvilluppi fuq il-proġett tal-Facciol. Issa il-ġiebja kienet lesta u ser jiġu ordnati is-serrer fuq it-tender li konna ħriġna aktar qabel.

15.3.6 Ser isir xogħol urġenti fuq tappiera ta' ilma fi' Triq Sir Harry Luke wara li dan inkisser u hu ta' periklu.

15.3.7 Is-Sindku semma' li kienu ghadu għaddej ix-xogħol fuq il-bankina fil-Ġnejna li kienet inqassmet u waqgħet biċċa minnha.

### 15.4 Korrispondenza

15.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra.

15.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li il-membri tal-Kunsill kellhom iħejju rapport individwali dwar il-ħidma tagħhom li imbgħad jingħaqad mar-rapport amministrattiv. Dan għandu jsir sal-31 ta' Lulju.

15.4.3 Ġiet diskussa l-ittra li fiha il-Kunsill ingħata €2750 għal-librerija pubblika. Minn dawn ġa intefqu kważi €500 fuq attivitajiet u kotba. Ser jinxtraw ukoll tablets li jieħdu l-Augmented Reality, ser jitwaħħlu monitor fil-librerija u ser jinxtraw numru ta' kotba b' lingwi barranin. Dan kollu wara li saret konsultazzjoni mal-librara u ma' Tiziana Borg Busuttil li hi responsabbli minn dan il-qasam.

15.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva korrispondenza mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar li turi li l-Kunsill kellu kommessi €258,713.24 f' fondi tad-Development Planning Funds u €50,000 f' fondi tal-inizzjativa Sebbaħ il-Lokal Tiegħek.

## 15.5 Temi oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

15.5.1 Is-Segretarju Eżekkutiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-risposta għall-Management Letter li intbgħatet lill-Kunsill wara li sar l-awditjar fuq l-estimi finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2019. Peress li din ir-risposta kienet intbgħatet minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill, ġiet approvata unanimament u issa ser tintbgħat lid-Direttur tal-Gvern Lokali.

15.5.2 Is-Segretarju Eżekuttib ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena 2020. Peress li din ir-rapport kien intbgħat minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill, ġie approvat unanimament.

15.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport imħejji mill-konsultent dwar il-GDPR, li juri awditjar tas-sistemi tal-Kunsill wara sena ta' ħidma. Minn dan ir-rapport joħroġ li mill-143 kriterju li fuqu hu bbażat dan ir-rapport, il-Kunsill irnexxillu jilħaq 115, li jammontaw għall-ftit aktar minn 80%. Il-kriterji l-oħra qed jiġu studjati ħalli il-Kunsill ikun dejjem aktar fil-qrib li jkun skont dak mitlub minnu.

15.5.4 Tiziana Borg Busuttil issuġġerit li jibdew isiru sezzjonijiet ta' Zumba fil-gym fl-apert ta' Triq il-Ganfra. Il-Kunsill approva. Ser iġġib kwotazzjonijiet għal dan.

15.5.5 Tiziana Borg Busuttil issuġġerit li ssir applikazzjoni biex jiġi installat WiFi Spot f' dan l-istess gym fl-apert ta' Triq il-Ganfra. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament.

15.5.6 Odette Muscat ipproponiet li l-Kunsill jerġa japplika għall-iskema LC Care biex jinġiebu fondi għall-qtates tat-triq. Ser tkun qed tara jekk il-Kunsill għandux japplika, u jekk iva, il-Kunsill approva li ssir din l-applikazzjoni mill-aktar fis peress li l-applikazzjonijiet kien ser jgħalqu matul dik il-ġimgħa.

## 15.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

15.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iSkeda tal-Pagament numru 7/2020 li kienet tammonta għal €50, 790.95.

15.6.2 Din l-iskeda ġie approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku flimkien ma' żewġ membri oħra tal-Kunsill.

## 15.7 Proposti tal-użu ta' spazju pubbliku mill-istabbilimenti tal-ikel u xorb;

15.7.1 Wara li l-Kunsill agħmel konsultazzjoni bejn is-sidien tal-istabbilimenti tal-ikel u xorb fl-Imġarr dwar l-użu ta' spazju pubbliku u toroq, is-Segretarju Eżekuttiv bagħat il-proposti kollu li irċieva lill-membri kollha tal-Kunsill.

15.7.2 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa bejnu, is-Segretarju Eżekuttiv u is-Sur David Mifsud, Direttur fl-MTA u li dawn il-proposti kienu ġew diskussi waħda waħda. Il-punti saljenti minn din il-laqgħa kien ġew mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri kollha tal-Kunsill flimkien mal- proposti kollha. Dawn huma il-punti :

1. Min għandu encroachment permit qed jiġu ttollerati anke jekk ikunu maqbuża bi' ftit minħabba il-miżuri tal-COVID 19;
2. Road Closures mhumhiex aċċettabbli;
3. Min irid jagħmel struttura permanenti irid iġib il-permess tal-PA. Il-Kunsill jagħti No Objection, jekk iħoss;
4. Min jista jippermetti li titwessa il-bankina quddiemu, jista jitlob lill-PA ittih permess li jwessa' biex ikun jista jarma fuqha;
5. Imwejjed u siġġijiet fit-triq/taħt il-bankina : mhumiex aċċettabbli u ma jingħatawax permess. Jistgħu japplikaw mal-PA biex ikollhom encorachment, jekk il-post jippermetti.

Clayton Gauci ħareġ mill-kamra bejn is-7:18pm u s-7:20pm

15.7.3 Il-kunsill, iggwidat minn dawn il-punti qabel unanimament li:

1. għeluq ta' toroq mhumiex permissibbli;
2. fejn hemm proposti ta' armar taħt il-bankini, għandha ssir distinzjoni bejn tipi differenti ta' toroq fis-sena ta' dawk li joffru periklu u dawk li wieħed jista' jarma mingħajr periklu;
3. hemm każijiet fejn il-kunsill jista' jagħti in-No Objection tiegħu, u hemm każijiet fejn il-Kunsill jista' jissuġġerixxi li ssir alterazzjoni fil-proposta hekk kif ippreżentata;

15.7.4 Għaldaqstant ġie deċiż li l-proposti jiġu diskussi waħda waħda fil-Kunsill u li wara kull stabbiliment li bgħat proposta tintbgħatlu id-deċiżjoni tal-Kunsill dwarha. Il-proposti qed jidhru hawn taħt:

1. Taċ-Ċanti : il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal-proposta;
2. United Restaurant : il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni jekk l-applikant japplika mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex jirranġa il-bankina u jkun jista' jqiegħed l-imwejjed fuqha. Il-Kunsill ma jistax japprova armar fid-dawra/kantuniera;
3. Bohini : għad-diskussjoni dwar il-proposta ta' dan l-istabbiliment, is-Sindku ma' ħax sehem peress li ddikkjara kunflitt ta' interess. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni għall-proposta hekk kif imressqa;
4. Il-Barri Bar & Restaurant : Il-Kunsill ma jaqbilx li t-triq tingħalaq hekk kif mitlub minn sid dan l-istabbiliment, aktar u aktar fid-dawl li t-triq ma tippermettix;
5. Ta' Nenu : Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għall-proposta dment li issir fuq Triq Dun Edgar u titqassar minn kif proposta fuq Triq il-Kbira;
6. Pit Stop Snack Bar : Il-Kunsill ma jista jilqa' il-proposta minħabba li din hija perikoluża;
7. Ta' Ċelita : iz-zona ta' encroachment hija aċċettabbli imma ma jistax isir armar taħt il-bankina u fuq it-triq;
8. Kafe Fula : Il-Kunsill ma laqgħax din it-talba għax it-triq ma tippermettix;
9. Verbena : Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal-proposta mressqa;
10. Tal-Bennej : Il-Kunsill ma laqgħax il-proposta peress li iz-zona mmarkata tinsab f' kantuniera ma' triq prinċipali u din tkun ta' periklu;
11. Mġarr Farmers : Il-Kunsill ma jsib l-ebda' oġġezzjoni basta jitħalla passaġġ għall-persuni li jagħmlu użu mill-bankina.

15.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ser jibgħat dawn id-deċiżjonijiet individwali lil kull stabbiliment u f' kull korrispondenza ser jikkopja lill-membri kollha tal-Kunsill.

## 15.8 Preparamenti għall-festa ta' Santa Marija 2020

15.8.1 Is-Sindku ta informazzjoni dwar preparamenti għal-laqgħa li ser issir il-Ġimgħa 17 ta' Lulju mal-Pulizija tal-Mosta, mar-rappreżentant tal-Banda Marija Mtella' s-Sema, u mal-Kappillan tal-Parroċċa.

15.8.2 Il-Kunsill iddiskuta il-ħruġ tal-permess tal-gabbani tal-ikel tal-festa. Ġie deċiż li din is-sena ma jinħarġux dawn il-permessi. Dawn jinkludu wkoll bejjiegħa tal-qubbajt u tal-ġugarelli.

15.8.3 Il-Kunsill japprezza li fis-sitwazzjoni ta' kif tinsab il-pandemija, kull pjan jista' jiġi mibdul skont il-miżuri imħabbra mill-awtoritajiet kompetenti u l-Kunsill għandu dejjem jimxi magħhom.

**14.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa**

14.9.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għal nhar it-Tnejn, 10 ta' Awwissu 2020, fil-5:00pm.

14.9.2 Il-laqgħa ntemmet fit-7:55pm.

| | |
|---|---|
| **Paul Vella** | **Cyprian Dalli** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |